MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Rikors Numru. 594/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-esponenti kien mizzewweg lil Victoria Azzopardi liema zwieg kien gie kkontrattat fit-18 ta’ Ottubru elf disgha mija sebgha u tmenin (1987) (Dok A) ;

Illi l-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin mid-disgha (9) ta’ Awwissu elfejn u tmienja (2008) meta l-esponenti telaq mid-dar matrimonjali u minn dik il-gurnata qatt ma rritorna.
Illi l-partijiet sseparaw legalment minn xulxin, permezz ta’ kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef datat sebgha (7) ta’ Awwissu elfejn u tnax (2012) (Dok. B);

Illi miz-zwieg hawn fuq imsemmi twieldet XAfil-hmistax (15) ta' Jannar fl-elf disgha mija wiehed u disghin (1991) li hija maggorrenni u tahdem full time;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-esponenti rrinunzja irrevokabilment mid-dritt li jitlob u jircievi l-manteniment filwaqt li l-komparenti mara iddekadiet mid-dritt li titlob u tircievi manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :
1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati mid-9 ta' Awissu 2008 u legalment separati mis-7 ta' Awissu 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------